MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2005

Numru 759/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Farrugia**
**Spettur David Saliba)**

**Vs**

Ivan Fenech

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Ivan Fenech ta’ karta ta’ identita’ numru 368872(M), akkuzat talli:

Fil-lejl ta’ bejn it-8 u d-9 ta’ Lulju, 2002, mill-agenzija ta’ Farsons li hija sitwata fin-Naxxar, ghal habta tat-3:00 a.m. ikkometta serq ta’ diversi kegs tax-xorb li huma stmati li jiswew aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1,000 ghad-dannu ta’ Joseph Vella u/jew is-Socjeta’ ta’ Farsons liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, u hin.

Huwa ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi huma definitivi, u li ma jistghux jigu mhassra, kif ukoll talli kkometta delitt fil-perjodu operativ tas-sentenza sospiza liema sentenza giet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' bi procedura sommarja mhux opposta mill-imputat;

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ezaminat ix-xhieda.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jirregistra ammissjoni fl-liema insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra;

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa akkuzat ta' serq u talli hu recidiv.

Dawn l-akkuzi jirrizultaw pruvati kemm mill-atti u l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat apparti mill-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tieghu.

Fil-kunsiderazzjoni tal-piena semghet lid-Direttur tal-Agenzija Sedqa fejn l-imputat qieghed jiehu t-tahrig opportun u jidrilha li piena karcerarja f'dan l-istadju tkun ta' detriment qawwi kemm ghall-imputat u s-socjeta'.

Ghaldaqstant rat l-Artikolu 261(b)(c)(f), 264, 267, 270, 278, 279, 280, 49, 50 u 31 tal-Kap 9 tiddecidi li tilliberah bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien tlett snin mill-lum u li jibqa' jattendi regolarment l-Agenzija Sedqa u dana a diskrezzjoni ta' Dottor George Grech.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------